14 ta' April, 1947.
Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado. LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

*Michele Cefai versus Angelo Cutajar et.*

**Board tal-Kera — Eżekuzzjoni tas-Sentenzi Tiegħu — Proċedura — Libell — Nullità.**

*Il-Board tal-Kera għandu l-fakoltà li jordna l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tiegħu, peress li għandu l-poteri kollha tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà tar-Re.*

*L-uniku każ li fih il-proċedura quddiem il-Board tal-Kera għandha tkun b'libell huwa dak ta' ritrattazzjoni; u għalhekk it-talba li saret, fil-każ preżenti, għas-sospensjoni ta' sentenza mogħtija mill-imsemmi Board, hija nulla għax saret per mezz ta' libell minflok b'rikors kif normalment isir quddiem dak il-Board.*

Il-Qorti, — Rat il-libell ta' l-attur quddiem il-Board tal-Kera ta' Għawdex, fejn ippremetta illi huwa ġie kundannat illi jiżgombra l-post nru. 1, Triq Hondoq, Qala, fi żmien xahrejn; u peress illi dik is-sentenza hija nulla billi l-Maġistrat illi ppresjeda l-Board u ppronunzja dik is-sentenza ma kellux l-estremi kollha li trid il-liġi minħabba n-nuqqas ta' ġurament preskritt mill-art. 18 tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili; u illi huwa kien ippreżenta libell quddiem l-istess Board li bih talab in-nullità ta' dik is-sentenza, u b'dan kollu l-imsemmi Cutajar insista għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tas-6 ta' Settembru 1946, u talab u ħa fid-9 ta' Novembru 1946, mandat

ta' żgumbrament in eżekuzzjoni tagħha; u illi l-eżekuzzjoni tas-sentenza ġġib iżjed dannu lilu milli s-sospensjoni tagħha lill-konvenut; u għalhekk talab illi in vista tal-libell tal-4 ta' Novembru 1946 tiġi ordnata s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza tal-Board tas-6 ta' Settembru 1946; illi fil-ġurnata tat-trattazzjoni tal-libell, billi l-President kien l-istess li ddeċieda dik is-sentenza tas-6 ta' Settembru 1946, il-libellant issolleva l-eċċezzjoni illi dak il-President ma setax jieħu konjizzjoni tal-libell, billi fih ma kienux jinsabu l-kwalitajiet kollha li trid il-liġi biex ikun President tal-Board; illi fl-10 ta' Jannar 1947 il-Board irrespinġa dik l-eċċezzjoni;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Board fuq imsemmi fl-10 ta' Jannar 1947, fejn ġie ritenut illi l-Maġistrat li huwa President tal-Board huwa kompetenti biex jieħu konjizzjoni ta' dan il-libell, billi għandu l-kwalifiki kollha tal-liġi, peress illi huwa ħa l-ġurament preskritt mil-liġi; spejjeż riżervati; wara li kkunsidra;

Illi l-każ preżenti mhux wieħed mill-każi kontemplati mil-liġi sabiex il-ġudikant jiġi rikużat, jew hu stess jastjeni ruħu milli jieħu konjizzjoni tal-kawża; illi din il-kwistjoni ġa ġiet sollevata u deċiża mill-Qorti ta' Għawdex fis-Sedi tagħha Superjuri kostitwita f'Sekonda Istanza fit-13 ta' Novembru 1946 in re "Buttigieg vs. Farrugia" u "Gauci vs. Spiteri"; illi l-President ta' dak il-Board għandu l-kwalifiki kollha rikjesti mil-liġi;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Cefai fejn talab illi dik id-deċiżjoni mogħtija f'din il-kawża fl-10 ta' Jannar 1947 tiġi revokata, u jiġi deċiż li l-Maġistrat Dr. Vincenzo Refalo ma setax jippresjedi l-Board, li għalhekk mhux legalment kostitwit, billi huwa ma setax jieħu konjizzjoni tal-kwistjoni sollevata għaliex tirrigwarda lilu stess u għaliex għadu ma ħax il-ġurament preskritt mill-art. 18 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-Onorevoli Sir David Campbell bħala Logutenent Gvernatur, fejn talab li jiġi ammess "in statu et

terminis", u d-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar 1947, fejn ġie hekk ammess;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi, fuq in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni, din l-eċċezzjoni hija mingħajr bażi, għaliex b'din it-talba l-libellant mhux qiegħed jitlob ħaġa oħra ħlief is-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Board tas-6 ta' Settembru 1946; u hija ħaġa notorja illi l-Bòrd skond il-liġi għandu l-fakoltà jordna l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tiegħu, peress li għandu l-poteri kollha tal-Prima Awla tal-Qorti Civili;

Għalhekk tirrespinġi dik l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż kontra Sir David Campbell nomine;

Tikkunsidra;

Illi fuq l-eċċezzjoni tan-nullità tal-forma, peress illi din it-talba quddiem il-Board saret permezz ta' libell, il-liġi tgħid illi l-proċedura quddiem il-Board issir permezz ta' rikors, u l-uniku każ illi quddiem il-Board jiġi preżentat libell huwa fil-każ ta' talba għar-ritrattazzjoni, b'analoġija għar-regoli ta' dak l-istitut. Iżda f'dan il-każ it-talba hija sempliċement għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Board, u għalhekk dik it-talba kellha tiġi magħmula, kif normalment isir quddiem il-Board, permezz ta' rikors. Mhux leċitu f'materja ta' proċedura lill-parti li tagħmel it-talba li tissostitwixxi proċedura għal oħra, peress illi l-proċedura hija liġi ta' ordni publiku;

Tikkunsidra;

Illi peress li l-proċedura hija nulla ma hemmx lok għalfejn tiġi indagata l-kwistjoni deċiża mill-Board;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' dik l-eċċezzjoni u tiddikjara li l-proċedura quddiem il-Board f'din il-kawża ġmissha saret permezz ta' rikors, u għalhekk hija nulla; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-libellant.